Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 51/16

**AVVIŻI**

**18 ta' Diċembru 2016**

Matul din il-Ġimgħa tkompli n-Novena tal-Milied fil-quddiesa tas-6.15pm.

Nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru ssir il-purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin fl-4.30pm miċ-Ċentru Parrokkjali. Nistiednu lit-tfal kollha jieħdu sehem.

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru fl-4pm jiltaqgħu t-tfal fil-Knisja għall-provi tal-Velja tal-Milied.

Nhar il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru fis-6.15pm ikollna ċelebrazzjoni penitenzjali li fiha jkun hemm ħin ta' qrar. Min ma jilħaqx iqerr waqt iċ-ċelebrazzjoni jkun jista' jqerr wara wkoll.

Nhar is-Sibt 24 ta' Diċembru, Lejlet il-Milied, il-quddies filgħodu jkun fil-5.30 u fis-6.15pm. Filgħaxija ssir quddiesa fit-8.15pm fil-Knisja tas-Salina. Fil-Parroċċa tibda Velja fil-11pm u wara Quddiesa Solenni.

Wara l-quddiesa tal-Lejl tal-Milied sa jsir Christmas Breakfast organizzat mill-Kumitat tal-Festa. Booking fis-sagristija sa nhar l-Erbgħa.

It-tfal li jixtiequ jattendu għall-ħarġa u għall-festin tal-Milied għandhom jinkitbu fis-sagristija.

Sa ssir kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin tal-Milied fid-djar. Min jixtieq jieħu sehem għandu jimla l-formola li tinsab fuq Leħen il-Parroċċa sal-Ħadd filgħaxija.

Għad għandna xi kopji tac-CD tal-Milied "Ħelu Bambin 3". Tistgħu tiksbu kopja għal €10 li jmorru għad-Dar tal-Providenza.